Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0429(COD)

5.2.2026

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu
(COM(2025)0797 – C10-0370/2025 – 2025/0429(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Birgit Sippel

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 22

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 24

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu
(COM(2025)0797 – C10-0370/2025 – 2025/0429(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2025)0797),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0370/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal[3], li l-Kummissjoni adottat fil-11 ta'	(2) Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, li l-Kummissjoni adottat fil-11 ta'

Mejju 2022, għandha l-għan li tipprovdi l-qafas legali fit-tul. Madankollu, in-negozjati interistituzzjonali dwar dik il-proposta għadhom ma avvanzawx biżżejjed biex ikunu ċerti li se jiġu konklużi fil-ħin biex il-qafas legali fit-tul, inkluż kwalunkwe emenda għar-Regolament (UE) 2021/1232 li jista' jkun fih, jiġi adottat u jibda japplika qabel l-4 ta' April 2026.	Mejju 2022 ***("il-proposta tal-2022")***, għandha l-għan li tipprovdi l-qafas legali fit-tul. Madankollu, in-negozjati interistituzzjonali dwar dik il-proposta għadhom ma avvanzawx biżżejjed biex ikunu ċerti li se jiġu konklużi fil-ħin biex il-qafas legali fit-tul, inkluż kwalunkwe emenda għar-Regolament (UE) 2021/1232 li jista' jkun fih, jiġi adottat u jibda japplika qabel l-4 ta' April 2026. ***Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu u l-mandat biex jidħol f'negozjati interistituzzjonali fit-22 ta' Novembru 2023 filwaqt li l-Kunsill ma kienx kapaċi jilħaq il-pożizzjoni tiegħu qabel is-26 ta' Novembru 2025. Dan jirrikjedi estensjoni ulterjuri, minkejja li r-Regolament (UE) 2021/1232 tfassal biex ikun strument temporanju u uniku li ta biżżejjed żmien għall-adozzjoni tal-proposta tal-2022.***
[3] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan, COM/2022/209 final.	[3] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan, COM/2022/209 final.
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat biex jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu għal perjodu ta' żmien li jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju biex jiġi adottat il-qafas legali fit-tul u biex dan jibda japplika.	(4) Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat biex jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu għal perjodu ta' żmien li jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju biex jiġi adottat il-qafas legali fit-tul u biex dan jibda japplika. ***Għalhekk, il-koleġiżlaturi jesprimu l-impenn tagħhom li jilħqu qbil dwar il-qafas legali fit-tul malajr kemm jista' jkun, u bil-ħsieb li tiġi evitata kwalunkwe estensjoni ulterjuri tar-Regolament (UE) 2021/1232***

fil-futur. Barra minn hekk, filwaqt li jitqies li r-Regolament (UE) 2021/1232 kien maħsub biex japplika matul perjodu ta' żmien limitat, huwa meħtieġ li jiġu ċċarati xi dispożizzjonijiet tiegħu u li dawn jiġu adattati għar-riżultati mir-Rapporti ta' Implimentazzjoni mill-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2023[1a] u tas-27 ta' Novembru 2025[1b] ("ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-2023 u tal-2025").

_____

[1a] COM(2023)0797

[1b] COM(2025)0740

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Is-sempliċi fatt li ċerti fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri japplikaw teknoloġiji ta' identifikazzjoni fuq bażi volontarja ma jeżonerax lill-koleġiżlaturi mir-responsabbiltà tagħhom li jistabbilixxu qafas legali komprensiv li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") u ma jimminax il-projbizzjoni tal-monitoraġġ ġenerali skont id-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Jenħtieġ li xejn f'dan ir-

Regolament ma jiġi interpretat li jipprojbixxi, idgħajjef jew jimmina l-kriptaġġ minn tarf sa tarf. Jenħtieġ li l-fornituri b'mod partikolari ma jkunux ipprojbiti milli joffru servizzi kriptati minn tarf sa tarf.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jenħtieġ li l-ipproċessar ta' immaġnijiet u vidjows skont ir-Regolament (UE) 2012/1232 dejjem jitqies li jikkostitwixxi pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament u tal-Kunsill[1a] minħabba li dawn huma data bijometrika li tiġi pproċessata b'mezz tekniku speċifiku li jippermetti l-identifikazzjoni unika jew l-awtentikazzjoni ta' persuna fiżika.
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), (ĠU L 119, 4.5.2016, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Fid-dawl tar-rapporti ta' implimentazzjoni tal-2023 u tal-2025 biex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza, id-definizzjonijiet li ma għadhomx rilevanti minħabba data mhux kompluta u mhux preċiża li ma tistax tiġi awditjata b'mod indipendenti jenħtieġ li jitħassru mir-Regolament (UE) 2021/1232. Peress li jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232 ma jinkludix l-identifikazzjoni ta' materjal li ma jkunx ġie identifikat preċedentement ta' abbuż sesswali tat-tfal online jew ta' sollečitazzjoni tat-tfal, id-definizzjonijiet tagħhom huma żejda u għalhekk jenħtieġ li jitħassru. Ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-2023 u tal-2025 jisħqu wkoll li l-ebda data konklużiva dwar il-proporzjonalità tal-identifikazzjoni ta' materjal li ma jkunx ġie identifikat preċedentement ta' abbuż sesswali tat-tfal online jew ta' sollečitazzjoni tat-tfal ma tista' tiġi invokata biex tiġi ġġustifikata r-restrizzjoni ta' ċerti drittijiet kif previst mid-Direttiva 2002/58/KE u l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7c) Meta titqies l-effettività mhux ipprovata tar-Regolament (UE) 2021/1232 rigward materjal li ma jkunx ġie identifikat preċedentement ta' abbuż sesswali tat-tfal online jew ta' sollečitazzjoni tat-tfal, u fl-istess ħin l-impatt fuq il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet kif previst mid-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill[1a], l-identifikazzjoni ta' materjal li ma jkunx ġie identifikat preċedentement ta' abbuż sesswali tat-tfal online u ta' sollecitazzjoni tat-tfal jenħtieġ li titneħħa mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232. Madankollu, sabiex tiġi pprevenuta s-sollecitazzjoni tat-tfal, ċerti fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri jistgħu u huma mħeġġa jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni, li ma jinterferux mad-Direttiva 2002/58/KE.

[1a] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), (ĠU L 201, 31.7.2002, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj).

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 7d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7d) Billi l-objettiv uniku ta' dan ir-Regolament huwa li jippermetti l-kontinwazzjoni modifikata, limitata u mmirata ta' ċerti attivitajiet eżistenti li għandhom l-għan li jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, id-deroga prevista minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun limitata għal teknoloġija stabbilita sew li tintuża minn ċerti fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-iskop tal-identifikazzjoni, ir-rapportar u t-tneħħija tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, li tiffunzjona billi tqabbel immaġnijiet u vidjows ma' bażi tad-data ta' firem diġitali

uniċi, mhux konvertibbli mill-ġdid ("hashes") ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal identifikat.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 7e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7e) Sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont, kif ukoll biex ikun permess rapportar komprensiv u komparabbli, huwa meħtieġ li jiġu inklużi multi amministrattivi għal nuqqas ta' konformità minn ċerti fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri mal-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar u trasparenza, b'mod partikolari l-użu tal-forma standard għar-rapport kif stabbilita mir-Regolament (UE) 2024/1307 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2916[1b] sussegwenti.* _____ ***[1a] Ir-Regolament (UE) 2024/1307 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU L, 2024/1307, 14.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1307/oj). ***[1b] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2916 tal-25 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi formola***

standard għad-data inkluża fir-rapport dwar l-ipproċessar tad-data personali ppubblikata u rrapportata lill-awtorità superviżorja kompetenti u lill-Kummissjoni minn fornituri tas-servizzi skont ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L, 2024/2916, 26.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2916/oj).

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 7f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7f) Sabiex jissaħħaħ l-infurzar tar-regoli tar-Regolament (UE) 2021/1232, jenħtieġ li jiġu imposti multi amministrattivi għal kwalunkwe ksur ta' dak ir-Regolament, flimkien ma' miżuri xierqa imposti mill-awtorità superviżorja skont dak ir-Regolament jew minflokhom.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu -1 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -1
	Il-premessa 16 tar-Regolament (UE) 2021/1232 hija sostitwita b'dan li ġej:
	"It-tipi ta' teknoloġiji użati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu l-anqas intrużivi possibbli għall-privatezza f'konformità mal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Jenħtieġ li dawk it-teknoloġiji ma jintużawx għall-iffiltrar u l-iskennjar

sistematiċi ta' test f'komunikazzjonijiet għajr biss biex jiġu identifikati xejriet li jindikaw raġunijiet konkreti possibbli ta' suspett ta' abbuż sesswali tat-tfal online, u jeħtieġ li ma jkunux jistgħu jiddeduċu s-sustanza tal-kontenut tal-komunikazzjonijiet."

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu -1a (ġdid)
Regolament(UE) 2021/1232
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -1a
	Il-premessa 21 tar-Regolament (UE) 2021/1232 hija sostitwita b'dan li ġej:
	"Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa skont id-deroga prevista minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-fornituri, sat-3 ta' Frar 2022, u minn hemm 'il quddiem sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, jippubblikaw u jippreżentaw rapporti lill-awtorità superviżorja kompetenti ddeżinjata skont ir-Regolament (UE) 2016/679 ("l-awtorità superviżorja") u lill-Kummissjoni. Tali rapporti jenħtieġ li jkopru l-ipproċessar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż it-tip u l-volumi tad-data pproċessata, ir-raġunijiet speċifiċi li jiġu invokati għall-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679, ir-raġunijiet li jiġu invokati għat-trasferimenti tad-data personali barra mill-Unjoni skont il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, meta jkun applikabbli, l-għadd ta' każijiet identifikati ta' abbuż sesswali tat-tfal online, l-għadd ta' każijiet li fihom utent ikun ressaq ilment mal-mekkaniżmu ta' rimedju intern jew fittex rimedju

ġudizzjarju u l-eżitu ta' tali lmenti u proċedimenti ġudizzjarji, l-għadd u l-proporzjonijiet tal-iżbalji (pożittivi foloz) tat-teknoloġiji differenti użati, il-miżuri applikati biex jiġu limitati r-rata ta' żball u r-rata ta' żball miksuba, il-politika taż-żamma u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data applikati skont ir-Regolament (UE) 2016/679, u l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li magħhom tkun ġiet kondiviża d-data skont dan ir-Regolament."

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu -1b (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 2 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -1b
	Fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1232, jitħassar il-punt 3.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu -1c (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 2 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -1c
	Fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1232, jitħassar il-punt 4.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu -1d (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -1d
	Fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/1232, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"1. L-Artikoli 5(1) u 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE ma għandhomx japplikaw għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet li jinvolvu l-ipproċessar minn fornituri ta' data personali b'rabta mal-forniment tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri dment li:
	(a) l-ipproċessar ikun:
	(i) strettament meħtieġ għall-użu ta' teknoloġija speċifika għall-iskop uniku li jiġi identifikat u jitneħħa l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online magħruf u li dan jiġi rrapportat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;
	(ii) proporzjonat u limitat għal teknoloġiji li jintużaw mill-fornituri għall-iskop stabbilit fil-punt (i);
	(iii) limitat għal data dwar il-kontenut li hija strettament meħtieġa għall-iskop stabbilit fil-punt (i);
	(iv) limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-iskop stabbilit fil-punt (i);
	(b) it-teknoloġiji użati għall-iskop stabbilit fil-punt (a)(i) ta' dan il-paragrafu huma f'konformità mal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija u huma l-anqas intrużivi possibbli għall-privatezza, inkluż fir-rigward tal-prinċipju tal-protezzjoni

tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku kif stabbilit fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, sal-punt li jintużaw biex jidentifikaw materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online magħruf possibbli;

(c) fir-rigward ta' kwalunkwe teknoloġija speċifika użata għall-iskop stabbilit fil-punt (a)(i) ta' dan il-paragrafu, ikunu twettqu valutazzjoni minn qabel tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament;

(d) fir-rigward ta' teknoloġija ġdida, jiġifieri teknoloġija użata għall-iskop tal-identifikazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online li ma tkun intużat minn l-ebda fornitur fir-rigward ta' servizzi pprovduti lill-utenti tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri ("utenti") fl-Unjoni qabel it-2 ta' Awwissu 2021, il-fornitur jirrapporta lura lill-awtorità kompetenti dwar il-miżuri meħuda biex juri l-konformità mal-parir bil-miktub iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 36(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 mill-awtorità superviżorja kompetenti maħtura skont il-Kapitolu VI, it-Taqsima 1, ta' dak ir-Regolament ("l-awtorità superviżorja") matul il-proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel;

(e) it-teknoloġiji użati jkunu affidabbli biżżejjed fis-sens li jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata tal-iżbalji fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' kontenut li jirrappreżenta materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online magħruf u, fejn iseħħu tali żbalji okkażjonali, il-konsegwenzi tagħhom jiġu rettifikati mingħajr dewmien;

(f) il-fornituri:

(i) ikunu stabbilew proċeduri interni biex jipprevjenu l-abbuż ta' data personali, l-aċċess mhux awtorizzat għaliha, u t-

trasferimenti mhux awtorizzati tagħha;

(ii) jiżguraw is-sorveljanza mill-bniedem tal-ipproċessar tad-data personali u, meta jkun meħtieġ, l-intervent tal-bniedem f'tali pproċessar, bl-użu ta' teknoloġiji li jaqgħu taħt dan ir-Regolament;

(iii) jiżguraw li materjal li ma jkunx ġie identifikat preċedentement permezz ta' mezzi oħra għajr l-identifikazzjoni volontarja bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online jew ta' sollečitazzjoni tat-tfal, ma jiġix irrapportat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal mingħajr il-konferma minn qabel mill-bniedem;

(iv) ikunu stabbilew proċeduri xierqa u mekkaniżmi ta' rimedju biex jiżguraw li l-utenti jkunu jistgħu jressqu lmenti magħhom fi żmien raġonevoli bl-iskop li jippreżentaw il-fehmiet tagħhom;

(v) jinfurmaw lill-utenti b'mod ċar, prominenti u komprensibbli dwar il-fatt li invokaw, f'konformità ma' dan ir-Regolament, id-deroga legali mill-Artikoli 5(1) u 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE dwar il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti għall-iskop uniku stabbilit fil-punt (a)(i) ta' dan il-paragrafu, il-loġika wara l-miżuri li ħadu taħt id-deroga u l-impatt fuq il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti, inkluża l-possibbiltà li d-data personali tiġi kondiviża mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u mal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;

(vi) jinfurmaw lill-utenti dwar dan li ġej, fejn il-kontenut tagħhom ikun tneħħa jew il-kont tagħhom ikun ġie mblukkat jew servizz offrut lilhom ikun ġie sospiż:

(1) il-perkorsi għal tfittix ta' rimedju mingħandhom;

(2) il-possibbiltà li jressqu lment quddiem

awtorità superviżorja; kif ukoll

(3) id-dritt għal rimedju ġudizzjarju;

(vii) sat-3 ta' Frar 2022, u minn hemm 'il quddiem sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, jippubblikaw u jippreżentaw lill-awtorità superviżorja kompetenti u lill-Kummissjoni rapport dwar l-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament, inkluż dwar:

(1) it-tip u l-volumi tad-data pproċessata;

(2) ir-raġuni speċifika invokata għall-ipproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679;

(3) ir-raġuni invokata għat-trasferimenti tad-data personali barra mill-Unjoni skont il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, meta jkun applikabbli;

(4) l-għadd ta' każijiet identifikati ta' abbuż sesswali tat-tfal online, filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u s-sollečitazzjoni tat-tfal;

(5) l-għadd ta' każijiet li fihom utent ikun ressaq ilment lill-mekkaniżmu ta' rimedju intern jew lil xi awtorità ġudizzjarja u l-eżitu ta' tali lmenti;

(6) l-għadd u l-proporzjonijiet tal-iżbalji (pożittivi foloz) tat-teknoloġiji differenti użati;

(7) il-miżuri applikati biex jiġu limitati r-rata ta' żball u r-rata ta' żball miksuba;

(8) il-politika taż-żamma u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data applikati skont ir-Regolament (UE) 2016/679;

(9) l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li magħhom tkun ġiet kondiviża d-data skont dan ir-Regolament;

(g) fejn ikun ġie identifikat abbuż sesswali tat-tfal online suspettat, id-data dwar il-kontenut u d-data relatata dwar it-traffiku pproċessata għall-fini stabbilit fil-punt

(a)(i), u d-data personali ġġenerata permezz ta' tali pproċessar jinħażnu b'mod sigur, unikament għall-finijiet ta':

(i) ir-rapportar, mingħajr dewmien, tal-abbuż sesswali tat-tfal online suspettat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kompetenti u lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;

(ii) l-imblukkar tal-kont tal-utent ikkonċernat, jew is-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-forniment tas-servizz lill-utent ikkonċernat;

(iii) il-ħolqien ta' firma diġitali unika, mhux konvertibbli mill-ġdid ("hash") ta' data identifikata b'mod affidabbli bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online;

(iv) l-għoti ta' possibbiltà lill-utent ikkonċernat li jfittex rimedju mill-fornitur jew ifittex rieżami amministrattiv jew rimedji ġudizzjarji dwar kwistjonijiet relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal online suspettat; jew

(v) l-għoti ta' tweġiba għal talbiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji f'konformità mad-dritt applikabbli biex jipprovdulhom id-data meħtieġa għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati kriminali kif stabbilit fid-Direttiva 2011/93/UE;

(h) id-data ma tinħażinx għal aktar minn kemm ikun strettament meħtieġ għall-fini rilevanti stabbilit fil-punt (h) u, fi kwalunkwe każ, għal mhux aktar minn 12-il xahar mid-data tal-identifikazzjoni tal-abbuż sesswali suspettat tat-tfal online;

(i) kull każ ta' suspett raġunat u vverifikat ta' abbuż sesswali tat-tfal online jiġi rrapportat mingħajr dewmien lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-infurzar tal-liġi jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal."

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu -1e (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 9 – paragrafu **1**

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -1e
	Fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/1232, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"1. Abbażi tar-rapporti ppreżentati skont l-Artikolu 3(1), il-punt (g)(vii), u l-istatistika pprovduta skont l-Artikolu 8, il-Kummissjoni għandha, sal-4 ta' Settembru 2026, tħejji rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.".

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu -1f (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -1f
	Jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	"Artikolu 7a
	Kundizzjonijiet ġenerali biex jiġu imposti multi amministrattivi
	Il-Kummissjoni għandha timponi multi għall-ksur jew in-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament li f'kull każ individwali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Il-ksur ta' dan ir-Regolament għandu jkun soġġett għal multi amministrattivi sa EUR 10 000 000, jew fil-każ ta' impriża, sa 2 % tal-fatturat annwali globali totali tas-sena finanzjarja preċedenti, skont liema minnhom ikun l-ogħla.

L-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat tagħha skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għal salvagwardji proċedurali xierqa f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inklużi rimedju ġudizzjarju u proċess ġust effettivi."

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika sat-3 ta' April ***2028***.	Għandu japplika sat-3 ta' April ***2027***.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Dikjarazzjoni f'isem ir-Rapporteur
Birgit Sippel
Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu 2025/0429 (COD)

Id-Deroga *Interim* kienet mifhuma bħala strument strettament temporanju u eċċezzjonali. L-uniku skop tagħha kien li toħloq pont legali ddefinit b'mod strett, li jippermetti miżuri volontarji mill-fornituri filwaqt li jagħti lill-koleġiżlaturi biżżejjed żmien biex ifasslu, jinnegozjaw u jadottaw qafas legali komprensiv u permanenti biex jiġi pprevenut u miġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal online f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali. Qatt ma kienet maħsuba biex issir sostitut fit-tul għal soluzzjoni leġiżlattiva xierqa.

L-ewwel proposta għal estensjoni diġà kisret dak l-impenn. Il-Parlament Ewropew ilu mill-2023 lest li jidħol f'negozjati dwar qafas permanenti biex jintlaħaq ftehim malajr kemm jista' jkun, b'mod espliċitu bil-ħsieb li tiġi evitata kwalunkwe estensjoni ulterjuri tad-Deroga *Interim*. Minkejja r-rieda politika tagħna, il-Kunsill naqas milli juża ż-żmien disponibbli b'mod effettiv. B'riżultat ta' dan, issa ninsabu f'sitwazzjoni problematika fejn hemm riskju li r-restrizzjonijiet minn drittijiet fundamentali ewlenin skont id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jibqgħu fis-seħħ għal ħafna aktar milli kien previst oriġinarjament. Din id-dipendenza fit-tul minn miżura eċċezzjonali timmina ċ-ċertezza tad-dritt u tnaqqas il-fiduċja fl-impenn tal-Unjoni għall-proporzjonalità u għan-neċessità.

Fid-dawl taż-żewġ rapporti ta' implimentazzjoni ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea, u filwaqt li titqies id-data mhux kompluta u ta' spiss mhux preċiża pprovduta mill-Istati Membri u l-fornituri tas-servizz, huwa essenzjali li wieħed jasal għall-konklużjonijiet it-tajbin. Il-Kummissjoni ma setgħetx tiddistingwi bejn rapporti bbażati fuq miżuri volontarji meta mqabbla ma' dawk minn NGOs, Hotlines u Helplines u rapporti mill-utenti.

Il-bażi tal-evidenza għadha mhijiex biżżejjed biex tiġġustifika kamp ta' applikazzjoni wiesa'. Għalhekk, kwalunkwe kontinwazzjoni ulterjuri tad-Deroga *Interim* trid tkun strettament limitata għal dak li huwa proporzjonat u meħtieġ b'mod li jista' jintwera. B'mod partikolari, l-attivitajiet li hemm riskju li jikkostitwixxu obbligi ta' monitoraġġ ġenerali jridu jiġu esklużi. Dan jinkludi l-identifikazzjoni ta' grooming u l-identifikazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ġdid, fejn in-nuqqas ta' data affidabbli u salvagwardji ċari jqajjem tħassib serju rigward il-konformità mad-drittijiet fundamentali.

Fl-istess waqt, l-esperjenza bid-Deroga *Interim* kixfet lakuna sinifikanti fl-infurzar. Il-fornituri bħalissa jiddettaw it-termini prattiċi li taħthom isir l-ipproċessar, filwaqt li l-Kummissjoni, bħala l-infurzatur maħtur, ma għandhiex għodod effettivi biex tiżgura l-konformità. L-obbligi ta' rapportar u r-rekwiżiti ta' trasparenza jibqgħu fil-biċċa l-kbira mhux infurzati, u dan iħalli lil dawk li jfasslu l-politika mingħajr informazzjoni affidabbli meħtieġa biex jiġu vvalutati l-effettività, il-proporzjonalità u n-neċessità. Sabiex jiġi indirizzat dan l-iżbilanċ, huwa essenzjali li l-Kummissjoni tiġi mgħammra bi strumenti tal-infurzar xierqa, inkluża sistema ta' multi effettiva. Mingħajr sanzjonijiet kredibbli, l-obbligi jibqgħu fil-biċċa

l-kbira dikjaratorji, u l-obbligu ta' rendikont jiddgħajjef.

Minħabba l-impenn espliċitu biex jiġu evitati estensjonijiet ulterjuri tad-Deroga *Interim*, u filwaqt li nibbaża fuq ir-rieda politika li jitwassal qafas permanenti, jiena lesta li nappoġġja estensjoni strettament limitata taħt kundizzjonijiet ċari. Tali estensjoni għandha tkun limitata esklużivament għall-identifikazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal hashed magħruf u tkun limitata għal durata massima ta' 12-il xahar. Kwalunkwe ambitu usa' jkun jikkontradixxi kemm in-natura temporanja tal-istrument kif ukoll il-konklużjonijiet li jridu jinsiltu mill-evidenza disponibbli.

B'mod parallel, il-Kummissjoni jeħtiġilha tuża bis-sħiħ l-għodod kollha disponibbli għaliha u tħejji rapport ta' implimentazzjoni addizzjonali biex tappoġġja l-ħidma fuq l-istrument permanenti. Dan ir-rapport irid jitwassal sal-iskadenza legalment stabbilita u jrid jipprovdi valutazzjoni ċara u trasparenti ta' meta, kif u sa liema punt l-iskennjar volontarju kkontribwixxa għall-ilħuq tal-objettivi msemmija. Huwa biss abbażi ta' informazzjoni f'waqtha, preċiża u komprensiva li l-koleġiżlaturi jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jiżguraw li r-rispons tal-unjoni għall-abbuż sesswali tat-tfal online jkun kemm effettiv kif ukoll jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li fir-rapport tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza li ġejjin[1], jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza
European Digital Rights
CCIA
Doteurope
Google
Microsoft
Snapchat
X/ Twitter

2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom([3])

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).